MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2008

Numru 312/1999

**IL-PULIZIJA**
**(SPETTUR ANTHONY CACHIA)**

**Vs**

**Samuel Baldacchino**

**Il-Qorti,**

Rat rat ic-citazzjoni in ezami li biha Samuel Baldacchino gie akkuzat talli fit-23 ta’ Marzu, 1991 ghall-habta ta’ 3pm f’Haz Zebbug volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku,
b) Qal kliem oxxen jew indicenti fil-pubbliku;
c) Ikkaguna offiza fuq il-persuna ta’ Carmelo Baldacchino minn Haz-Zebbug, liema ferita hija ta’ natura hafifa skond kif iccertifika Dr. Godfrey Farrugia M.D. ta’ Haz-Zebbug;
d) Ikkaguna hsara volontarja fuq il-karozza numru A7960 ghad-dannu ta’ Carmelo Baldacchino minn Haz-Zebbug;

liema hsara tammonta ghal aktar minn Lm50 izda anqas minn Lm500.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (fol 12 tal-atti) kif ukoll semghet lill-akkuzat jghid li m'ghandux oggezzjoni ghal din il-procedura (fol 8 tal-atti).

Semghet ix-xhied u rat id-dokumenti prodotti mill-Prosekuzzjoni.
Semghet lill-akkuzat minn jeddu.
Semghet it-trattazjoni.

Ikkunsidrat
Illi l-Prosekuzzjoni pproduciet is-segwenti provi, in sostenn tal-akkuzi in ezami :-
a) L-Ispettur tal-Pulizija Tarcisio Pulis (fol 9 et seq ibid) kull ma ghamel kien li ezebixxa certifikat mediku rilaxxat mit-Tabib Godfrey Farrugia dwar il-ferita li garrab hu l-akkuzat Carmelo Baldacchino (fol 13 ibid) u iehor in konnessjoni mal-istess feriti rilaxxat mill-Isptar ta' San Luqa (fol 13 A ibid) markati rispettivament Dok TP u Dok TP1. Jigi notat li l-istess Spettur kien baghat fuq il-post tal-incident lill-PC 237 John Camilleri sabiex jikkonstata l-ammont u l-valur ta' danni nvoluti u kawzati fl-istess post.
b) L-imsemmi PC 237 John Camilleri (fol 26 et seq ibid) semma', fix-xhieda tieghu illi Carmelo Baldacchino kien ghamel rapport dwar kwistjoni familjari li fiha kien involut l-istess akkuzat u dan "…. dwar il-kwardarobba". Difatti, minhabba l-istess kwistjoni kien gie allegat illi l-akkuzat kien mar f' "garage" appartenenti lill-imsemmi huh u "….hemmhekk kissirlu l-karozza". Sussegwentement ix-xhud fl-istess "garage" kien ra' l-karozza imsemmija "….li kellha diversi daqqiet ……fuq il-'bonnett' kif ukoll fuq in-naha tax-xellug" liema vettura jidhirlu li kienet "Simca" antika. Skond l-istess xhud, l-akkuzat kien innega li kien involut f'din il-hsara kawzata fl-imsemmija vettura avolja kien ammetta li kien hemm il-kwistjoni bejn l-ahwa fuq l-imsemmija gwardarobba. Inoltre in rigward il-"garage" li kien infetah b'cavetta minn Carmelo Baldacchino, l-akkuzat kien cahad li kellhu cavetta sabiex jidhol go fih.

c) <u>PC 230 Joseph Buhagiar</u> (fol 29 et seq ibid) irrefera ukoll ghall-istess rapport li kien ghamel hu l-akkuzat, Carmelo u meta kien mar ukoll fil-“garage” ta’ dan, fejn kien hemm il-karozza msemmija u f’ghalqa, fuq wara tal-istess “garage” kien hemm l-akkuzat li kien cahad li ghamel hsara volontarja fl-imsemmija karozza numri A7960 u li kien ha c-cwievet tal-istess “garage” mill-pussess ta’ huh. Ix-xhud semma’ illi fuq in-naha ta’ wara tal-istess “garage” kien hemm tieqa, mbarrata minn gewwa b’bieba tal-hadid u li setghet tinfetah minn gewwa biss, liema tieqa, meta x-xhud wasal fil-post kienet miftuha. Dwar il-bieb tal-“garage”, dan kien instab “sokkjuz” ossija “imbexxaq”. Inoltre b’referenza ghall-istess karozza, kien jidher li “xi hadd kien qieghed jinnaviga sabiex jaqla’ il-magna…..” taghha. Difatti kien hemm ghodda u partijiet ta’ karozzi, peress li l-parti lesa hu “mechanic”. Fuq wara tal-istess garage jinsabu xi ghelieqi appartenenti lill-akkuzat u jahdimhom hu stess.

d) <u>PS 337 Thomas Zammit</u> (fol 42 et seq ibid), li ukoll mar fil-“garage” imsemmi, qal li, fil-post, kien hemm wahedha, il-parti lesa, li qaltlu illi “….kellu xi jghid ma’ huh Sammy” u “Allegatament l-istess Sammy qabad serratizz u beda jaghti fuq il-karozza….”. Hawnhekk, pero, x-xhud semma’ illi ma setghax isibu lill-akkuzat. Filfatt sabiex dan instab “….<u>domna hafna zmien</u>” u meta kien instab, l-istess akkuzat kien ammetta li kien iggieled ma huh “….u kien ta’ xi daqtejn sintendi fuq il-karozza”. L-istess xhud semma’ illi kien qed jixhed a bazi ta notamenti li hu ha mir-rapport fil-ktieb tal-okkorenzi. Inoltre wera’ sussegwentament certi dubbji dwar jekk effettivament l-akkuzat kien ammetta mieghu li kien ta’ daqqiet fuq l-istess karozza.

e) <u>Luciano Baldacchino</u> (fol 47 u fol 48 ibid) li jigi hu l-akkuzat u l-parti lesa, semma’ illi, “….ahna ghandna gardina li ghandha “garage” li qieghed mat-triq” u l-akkuzat ghandu sehem minn dan il-post. Hu specifika illi ma kienx ra’ l-incident izda meta hu kien madwar mitejn pied il-boghod mill-istess post, kien gie hdejh, Carmelo Baldacchino u qallu “ejja ghax ahna iggilidna”. Difatti, fil-“garage” in kwistjoni kien hemm l-akkuzat u ghalhekk ix-xhud u l-parti lesa baqghu fil-bieb sabiex l-akkuzat ma johrogx. Pero dan xorta wahda hareg “mit-tieqa” (ara dwar dan ix-xhud, fol 70 sa fol 72 ibid kif ukoll fol 118 ibid).

f) <u>L-istess parti lesa</u> (fol 49 u fol 57 et seq ibid) Carmelo Baldacchino spjega illi, fiz-zmien tal-incident in ezami hu u hutu, inkluz l-akkuzat kienu jirresjedu f'post wiehed, b'kamra uzata biss mix-xhud. F'okkazjoni l-akkuzat ried jara x'kien hemm f'din il-kamra izda x-xhud ma xtaqx li jaghmel dan. Sussegwentement hu u l-akkuzat "….kellna xi nghidu barra mill-'garage' " peress li x-xhud kien sab taqlib fl-imsemmija karma. Bhala kosegwenza, l-akkuzat kien nqafel fl-imsemmija karma ("garage") fejn ix-xhud kien jzomm il-karozza hawn fuq imsemmija u "….ghamilli hsara fil-vettur" (ara <u>r-ritratti</u> ezebiti mix-xhud a fol 53 u li fijhom jidhru l-hsarat kagunati mill-akkuzat, hlief in rigward il-"bonnett" li kien digja maqlugh, liema ritratti ttiehdu minn Eusebio Farrugia kif jidher a fol 73 ibid). Inoltre barra l-istess karma ossija "garage" u qabel ma gew kagunati d-danni hu u l-akkuzat "….qbadna naghtu billi l-imputat qabadni qabda minn ghonqi b'idu…." u "kwazi fgani….". Minhabba hekk, hu kien mar ghand il-Pulizija izda meta dawn akkompanjawh fuq il-post, l-akkuzat ma' kienx hemmhekk, waqt li l-"garage" kien ghadu msakkar waqt li t-tieqa kienet miftuha. In rigward il-<u>hsarat</u> fil-karozza ix-xhud semma illi l-istess vettura ghadha ma kienetx irrangata, li din giet ezaminata minn "surveyor" "…..kunjomu Aveta" u li kien xtara l-"windscreen" bil-hgiega "tinted" li gie mkisser bi prezz li "zgur lahqu Lm200". Dwar l-istess hsarat jigi notat li kien gie nominat mill-Qorti l-espert "in material" <u>Joseph Zammit</u> u dan issottometta <u>r-relazzjoni</u> a fol 66 et seq ibid bi stima a fol 69 ibid (ara ukoll fol 74 u fol 75 ibid). l-istess espert xehed li hu kien ra d-danni fuq il-karozza in kwistjoni, murija fuq l-imsemmja ritratti u ndikati lilu mill-parti lesa. Hu semma', ukoll, illi ma kienx jaf x'kien l-istat ta' din il-karozza qabel l-incident in ezami izda, fil-post, kien ra hgieg imkisser tal-"windscreen". Dwar l-istess danni, il-parti lesa ezebixxa dawk li jinsabu a fol 97 sa fol 102 ibid (ara ukoll flo 139 u fol 141 ibid). jigi notat illi hemm differenza bejn il-hsara kif stimata mill-imsemmi espert u dik kif stimata u pretiza mill-parti lesa. Pero' jigi rilevat illi l-istess espert kien esprima l-opinjoni tieghu illi l-istess hsara ma kienetx kagunata minn xi habta ma vettura ohra izda kienet saret minn xi hadd li ta' diversi daqqiet intenzjonalment, b'oggett iebes.

Ikkunsidrat

Illi l-akkuzat meta xehed f'seduta li saret fid-9 ta' Jannar 2007, illi hu kien hiereg mill-gardina meta ra lill-huh Carmelo, gej b'zewg basktijiet mimlijin imbarazz. Hu sellem lill-istess huh li pero', da parti tieghu kien "….beda jidghi u jghajjat" u dan aktarx minhabba illi l-akkuzat kien nehha "in parte" imbarazz li huh kien izomm go gwardarobba fil-post fejn huma kienu jghixu flimkien. Hawnhekk hu prova jikkalma lill-istess huh, meta dan fetah il-bieb tal-"garage" li skond l-akkuzat kien tieghu. Difatti hu wera lill-Qorti ktieb ta' ircevuti ta' kera li l-istess akkuzat jhallas lill-huh iehor, John vis-s-vis l-istess "garage". Hawnhekk hu ra lill-istess huh gej ghalih b'hadida f'idejh u kien hawnhekk li bdiet il-glieda bejniethom. Sabiex jevita din l-aggressjoni hu beda jdur mal-imsemmija karozza izda xorta wahda huh laqtu bil-hadida fuq saqajh oltle li gidmu f'idu il-leminija. In rigward dan il-punt, hu ezebixxa c-certifikat mediku anness mal-atti minn fejn jidher li l-akkuzat difatti kellu zewg marki ta' gidma f'subajgh z-zghir tal-lemin kif ukoll ferita lacero-kontuza fuq siequ tax-xellug. Inoltre huh kien sakkar il-"garage" sabiex hu ma jahrabx minnu izda rnexxielu johrog mit-tieqa li ssemmiet. Dwar il-karozza, huh kien beda jitfa' lejh "….kull ma beda jsib f'idejh". Difatti hu ma ikkaguna l-ebda hsara fl-istess karozza liema hsara giet kagunata mill-imsemmija hadida f'idejn huh kif ukoll mill-oggetti mitfughin lejn l-akkuzat. Fil-kontro ezami, hu cahad illi kien ammetta mal-Pulizjia li ta' xi daqqiet fuq il-karozza, anzi hu kompla jsostni li lanqas laqat l-istess karozza bi zball.

Ikkunsidrat

Illi, in sintesi ghandna zewg versjonijiet tal-fatti kif moghtija mill-partijiet involuti. Minn naha wahda jidher li l-parti lesa sostna li hu u huh kienu ggieldu bejniethom minghajr pero' ma xehed b'mod preciz dwar min minnhom kien beda l-glieda in ezami. Dwar dan, l-akkuzat jsostni illi, filfatt, il-glieda nbdiet u tkompliet mill-istess parti lesa avolja l-istess akkuzat kien ipprova li jikkalma l-istess huh. Jigi notat ukoll illi meta xehed Samuel Baldacchino, hu kien

ipprezenta certifikat mediku hawn fuq imsemmi li minnu jirrizulta illi hu kien sofra feriti hfief u li, minn kif deskritt jikkorraboraw dak li xehed l-istess akkuzat kif hawn fuq riportat.
Illi dwar il-hsarat kagunati fil-vettura msemmija, jigi notat illi PS 337 Thomas Zammit (ara "supra") kien spicca meta xehed billi wera' certu dubbju dwar jekk l-akkuzat kienx ammetta mieghu filfatt, illi kien ikkaguna l-hsarat fl-istess vettura. Dwar dan, l-akkuzat kien xehed, b'mod car u kategoriku, illi ma kienx hu li kkagunhom izda l-istess parti lesa, kif hawn fuq riportat. Fid-dawl u fl-isfond ta' nuqqas ta' xi prova certa dwar min ikkaguna l-istess hsarat, il-Qorti thoss li l-akkuzat ma jistax jigi dikjarat responsabbli ghall-istess hsarat. Illi dwar l-akkuza ta' kliem oxen jew indecenti uzati mill-akkuzat, ma ngiebet l-ebda prova dwar l-istess akkuza.

Ikkunsidrat

Illi ghalhekk l-akkuzat ghandu jigi ritenut mhux hati tal-akkuzi kollha minhabba li jissussisti dubbju gravi dwar jekk hu kkommetta l-ewwel (1), it-tielet (3) u r-raba' (4) akkuza waqt li bl-ebda mod gie provat li kkommetta t-tieni (2) akkuza.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti ssib lill-akkuzat mhux hati tal-akkuzi kollha u tilliberah minn kull akkuza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------